**QORTI KRIMINALI**

**ONOR. IMĦALLEF EDWINA GRIMA LL.D.**

**Att ta' Akkuża Nru. 07/2019**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Alfred Degiorgio**

**George Degiorgio**

***Omissis***

**Illum, 14 ta' Ottubru 2022**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuża numru 07 tas-sena 2019 *kontra* l-akkużati Alfred Degiorgio, George Degiorgio, u *omissis,* li bih huma kienu akkużati mill-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta:

**L-EWWEL (1) KAP**
*Omiċidju Volontarju ta' Daphne Caruana Galizia*

**<u>Il-fatti</u> :**

ILLI nhar is-Sittax (16) ta' Ottubru tas-sena Elfejn u Sbatax (2017), għall-ħabta tat-tlieta ta' wara nofsinhar (15:00 hrs.) splużjoni qawwija għezzet l-inħawi hiemda u pjuttost rurali tal-Bidnija, limiti tal-Mosta, Malta. Ftit minuti qabel, il-ġurnalista magħrufa Daphne Caruana Galizia, mara ta' 53 sena, sellmet lil binha Matthew u nfurmatu li kienet ħierġa ftit għax kellha appuntament il-bank. Fil-fatt hija ħarġet mid-dar tagħha ftit minuti qabel it- tlieta ta' wara nofsinhar (15:00 hrs.) u rikbet ġewwa l-vettura ta' l-għamla *Peugeot* mudell *108* bin-numru ta' reġistrazzjoni QQZ-668 li kienet mikrija (*leased*) lilha. Li ma kenitx taf, pero', kien li ftit sekondi biss wara, ħajjitha kienet ser tiġi maħsuda b'mod mill-aktar kodart u vjolenti;

ILLI fil-fatt, malli hija saqet mill-isqaq biswit ir-residenza privata tagħha *"Dar Riħana"* għal ġot triq prinċipali, u ċioe' Triq il-Bidnija, bomba qawwija li kienet tpoġġiet taħt is-*seat* tax-xufier tal-vettura tagħha matul il-lejl ta' qabel bl-intenzjoni speċifika li s-Sinjura Caruana Galizia tinqatel, ġiet sploduta remotament permezz ta' messaġġ ċellulari (*SMS*);

ILLI l-isplużjoni tant kienet vjolenti li kkaġunat il-mewt tas-Sinjura Caruana Galizia, b'diversi partijiet minn ġisimha jtiru 'l barra mill-karozza ma' l-isplużjoni, u partijiet oħrajn jispiċċaw maħruqa fil-karozza wara li l-istess karozza spiċċat qafas ta' ħadid mgħawweġ u ħuġġieġa nar f'għalqa biswit it-triq;

ILLI malli ġew mgħarrfa bl-akkadut, il-Pulizija u membri tal-Protezzjoni Ċivili aċċedew mill-ewwel fuq il-post ġewwa l-Bidnija, fejn tniediet ukoll inkjesta Maġisterjali. Minbarra esperti lokali l-Maġistrat Inkwerenti nnomina wkoll, fost oħrajn, esperti minn *Netherlands Forensic Institute* (NFI), mill-*Federal Bureau of Investigation* (FBI), u mill-*EUROPOL*;

ILLI l-investigazzjonijiet estensivi u metikolużi li saru mill-Pulizija Maltija mejgħuna mill-*expertise* u esperjenza ta' l-Aġenziji barranin fuq imsemmija appuntati mill-Maġistrat Inkwerenti wasslu sabiex kixfu kif dan l-omiċidju barbaru ġie mħejji u eżegwit b'reqqa liema bħalha mill-akkużati **George Degiorgio**, ħuh **Alfred Degiorgio**, u ***Omissis***;

ILLI jirriżulta illi l-akkużati George Degiorgio, Alfred Degiorgio u *Omissis* kienu ilhom jippjanaw u jħejju dan l-omiċidju minn *xhur* qabel is-16 ta' Ottubru 2017. Fil-fatt huma ħasbu sabiex jakkwistaw splussiv qawwi, *mobile phones* differenti minn dawk li kienu jużaw abitwalment, u numru ta' *sim cards.* Jirriżulta illi sa minn Awwissu 2017, l-akkużati bdew iħufu regolarment fl-inħawi tal-Bidnija, mhux lanqas fis-siegħat mudlama tal-lejl, sabiex jiflu u josservaw l-akkwati tar-residenza tas-Sinjura Caruana Galizia, kif ukoll il-movimenti kwotidjani tagħha;

ILLI nhar il-15 ta' Ottubru 2017 wara Nofsinhar, Matthew Caruana Galizia, li jiġi iben il-vittma Daphne Caruana Galizia, issellef il-vettura ta' ommu kif kien ġieli jagħmel. Huwa rritorna d-dar għall-ħabta tas-sitta u nofs ta' filgħaxija (18:30hrs), fejn ipparkja l-vettura ta' l-għamla *Peugeot* mudell *108* bin-numru ta' reġistrazzjoni QQZ-668 li kienet mikrija (*leased*) lil ommu Daphne fit-triq, biswit ir-residenza tagħhom *'Dar Riħana'* ġewwa l-bidnija. Li ma kienux jafu la Matthew u lanqas ommu Daphne kien li l-akkwati tar-residenza tagħhom kienu ilhom għal xhur sħaħ ikunu taħt is-sorveljanza klandestina ta' l-akkużati George Degiorgio u Alfred Degiorgio, u *Omissis,* moħbija jistennew il-mument propizju sabiex joqtlu lil Daphne Caruana Galizia. Fil-fatt, hekk kif ġiethom l-opportunita' li tant kienu ilhom jistennew, dak il-lejl stess, *ossia* l-lejl ta' bejn il-15 u is-16 ta' Ottubru 2017, fid-dlamijiet u s-satra li joffri l-ambjent rurali tal-Bidnija, l-akkużati George Degiorgio u Alfred Degiorgio, u *Omissis* avviċinaw il-vettura *Peugeot* mudell *108* bin-numru ta' reġistrazzjoni QQZ-668, fetħuha, u taħt is-*seat* tax-xufier poġġew bomba qawwija ħafna armata mhux biss bi splussiv *high explosive* iżda wkoll b'*GSM Module* sabiex il-bomba tkun tista' tiġi sploduta remotement permezz ta' telefon ċellulari. Is-*SIM Card* f'din il-*module*, li kellha n-numru ċellulari 99683752 ġiet attivata (imqabbda) fil-*GSM Module* formanti parti mill-bomba preċiżament fis-siegħa, wieħed u erbgħin minuta u erbgħin sekonda ta' bil-lejl (01:41:40) tas-16 ta' Ottubru 2017;

ILLI sabiex iħallu l-anqas traċċi possibbli u jnaqqsu drastikament is-suspetti fuqhom, il-pjan makakk u metikoluż miftiehem bejn l-akkużati George Degiorgio u Alfred Degiorgio, u *Omissis* kien li kif il-ko-akkużati l-oħra jinfurmawh li s-Sinjura Caruana Galizia tkun rikbet il-karozza, l-akkużat George Degiorgio kellu jisplodi l-bomba permezz ta' messaġġ *SMS* li huwa kellu jibgħat waqt li hu jkun fuq il-baħar. Għalhekk, nhar is-16 ta' Ottubru 2017 filgħodu, l-akkużat George Degiorgio ħareġ fuq il-baħar fuq il-*Cabin Cruiser* '*Maya*', liema *Cabin Cruiser* hija proprjeta' ta' ħuh: l-akkużat Alfred Degiorgio**.** Għalkemm qagħad idur fuq il-baħar madwar il-gżejjer Maltin, l-akkużat **George Degiorgio** f'ebda ħin ma tbiegħed wisq mix-xatt, u dana sabiex f'kull mument jibqa' f'pożizzjoni li jkollu *reception* fuq iċ-ċellulari tiegħu, u dana sabiex fil-mument propizju – u ċioe' meta S-Sinjura Caruana Galizia tkun rikbet fil-karozza tagħha – il-ko-akkużati l-oħra jkunu jistgħu jċemplulu u jaqbduh!;

ILLI ftit qabel it-tlieta ta' wara Nofsinhar tas-16 ta' Ottubru 2017, Daphne Caruana Galizia, injota għal kollox mill-pjan tal-waħx imfassal u mifrux għaliha mill-akkużati George Degiorgio u Alfred Degiorgio, u *Omissis*, sellmet lil binha, ħarġet mir-residenza tagħha, rikbet fil-vettura *Peugeot* mudell *108* bin-numru ta' reġistrazzjoni QQZ-668, u bdiet issuq biex tmur għall-appuntament li kellha l-bank. Iżda l-akkużati George Degiorgio u Alfred Degiorgio, u *Omissis* kelhom pjanijiet oħra għaliha;

ILLI fil-fatt, malli raha ħierġa mid-dar u dieħla fil-vettura msemmija, l-akkużat **Alfred Degiorgio**, kif miftiehem minn qabel mal-ko-akkużati l-oħra, kien pront ċempel lil ħuh l-akkużat **George Degiorgio** fuq il-mobile u nfurmah b'dan il-

fatt. Għal din it-telefonata l-akkużat Alfred Degiorgio m'użax it-telefon ċellulari abitwali tiegħu, iżda uża ieħor li kien kiseb speċifikatament għal dan id-delitt u li kellu n-numru 99088820. Minn naħa tiegħu l-akkużat George Degiorgio minbarra t-telefon ċelulari abitwali tiegħu, fuqu kellu tnejn oħra li kien kiseb speċifikatament għal dan id-delitt: wieħed bin-numru 99088824 – li kellu jintuża għall-komunikazzjoni mal-ko-akkużati l-oħra, u l-ieħor bin-numru 99684366 – li kellu jintuża unikament biex permezz tiegħu tiġi sploduta l-bomba. Fil-fatt l-akkużat Alfred Degiorgio, kif miftiehem minn qabel, ċempel lill-akkużat George Degiorgio fuq in-numru 99088824 u nfurmah li s-Sinjura Caruana Galizia kienet rikbet fil-vettura tagħha. Malli rċieva din l-aħbar li kien ilu fuq ix-xwiek jistenna minn filgħodu, l-akkużat George Degiorgio, waqt li kien għadu fuq il-linja ma' ħuh Alfred Degiorgio, dolożament, bl-intenzjoni ċara u speċifika kondiviża u miftehema mal-ko-akkużati l-oħra li joqtlu lil Daphne Caruana Galizia jew li jpoġġulha ħajjitha f'perikolu ċar, qabad it-telefon ċellulari l-ieħor (bin-numru 99684366) ittajpja l-kodiċi: ***#rel1 = on***, u bagħat dan il-kodiċi qattiel lin-numru 99683752 – u ċioe' lin-numru tas-*SIM Card* ġewwa l-*GSM Module* formanti parti mill-bomba sitwata taħt is-*seat* tax-xufier tal-vettura tas-Sinjura Caruana Galizia. Malli l-*GSM Module* irċieva dan il-kodiċi, preċiżament fit-tlieta neqsin minuta u ħames sekondi ta' wara Nofsinhar (14:58:55) tas-16 ta' Ottubru 2017, dan il-*module* iddetona l-bomba, liema detonazzjoni kienet tant vjolenti li kkaġunat il-mewt tas-Sinjura Caruana Galizia, b'partijiet minn ġisimha jtiru 'l barra mill-karozza u partijiet oħrajn jispiċċaw maħruqa fil-karozza wara li l-istess karozza spiċċat qafas ta' ħadid mgħawweġ u ħuġġieġa nar f'għalqa biswit it-triq;

ILLI minn analiżi akkuratissima kondotta mill-esperti tal-*EUROPOL* nominati mill-Maġistrat Inkwerenti, ġie stabbilit illi l-bomba kienet tikkontjeni bejn tliet mitt gramma (300g) u erba' mitt gramma (400g) ta' *high explosive* tat-tip TNT. Dawn l-esperti kkonkludew ukoll illi l-ammont u tip ta' splussiv użat u l-lok fejn tpoġġa (taħt is-*seat* tax-xufier) juri b'mod mill-aktar ċar li l-intenzjoni tal-malviventi kienet speċifikatament li tinqatel ix-xufier tal-vettura u potenzjalment kull min seta' kien fil-vettura magħha fil-mument ta' l-isplużjoni.

ILLI b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, fosthom waħda tat-18 ta' Ġunju 2008, *per* Maġistrat (illum Imħallef *Emeritus*) Dr. Michael Mallia, u oħra tat-3 ta' Frar 2012, *per* Maġistrat (illum Imħallef) Dr. Miriam Hayman LL.D., liema sentenzi huma definittivi, l-akkużat George Degiorgio kien instab ħati, *inter alia*, ta' diversi delitti, u kwindi huwa għalhekk reċidiv;

ILLI b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-13 ta' Novembru 2013, *per* Imħallef *Emeritus* Dr. Michael Mallia LL.D., liema sentenza hija waħda definittiva, l-akkużat Alfred Degiorgio kien instab ħati ta' diversi delitti, u kwindi huwa għalhekk wkoll reċidiv;

ILLI b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-3 ta' Mejju 2006, *per* Maġistrat (illum Imħallef *Emeritus*) Dr. Antonio Mizzi LL.D., liema sentenza hija waħda definittiva, l-akkużat *Omissis* kien instab ħati ta' diversi delitti, u kwindi huwa għalhekk wkoll reċidiv.

**<u>Il-konsegwenzi</u> :**

ILLI għalhekk, b'għemilhom, l-akkużati George Degiorgio u Alfred Degiorgio, u *Omissis* saru ħatja ta' **<u>omiċidju volontarju</u>**, u ċioe' talli nhar is-Sittax (16) ta' Ottubru tas-sena Elfejn u Sbatax (2017), f'dawn il-ġżejjer u senjatament fil-Bidnija, limiti tal-Mosta, għall-ħabta tat-tlieta ta' wara Nofsinhar (15:00hrs), dolożament, bil-ħsieb li joqtlu lil Daphne Caruana Galizia jew li jqegħdu l-ħajja tagħha f'periklu ċar, ikkaġunawlha l-mewt; kif ukoll illi rrendew ruħhom reċidivi.

**<u>L-akkuża</u> :**

GĦALDAQSTANT l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, akkuża lill-imsemmija George Degiorgio u Alfred Degiorgio, u *Omissis* ħatja ta' **<u>omiċidju volontarju</u>**, u cioe' talli nhar is-Sittax (16) ta' Ottubru tas-sena Elfejn u Sbatax (2017), f'dawn il-ġżejjer u senjatament fil-Bidnija, limiti tal-Mosta, għall-ħabta tat-tlieta ta' wara Nofsinhar (15:00hrs), **dolożament, bil-ħsieb li joqtlu lil Daphne Caruana Galizia jew li jqegħdu l-ħajja tagħha f'periklu ċar, ikkaġunawlha l-mewt**;

U BILLI permezz ta' diversi sentenzi tal-Qrati Maltin, li saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula, l-akkużati George Degiorgio u Alfred Degiorgio, u *Omissis* kienu nstabu ħatja preċedentement ta' diversi delitti, l-Avukat Ġenerali qiegħed jaddebita lill-istess akkużati bir-reċidiva.

**<u>Il-piena mitluba</u> :**

KONSEGWENTEMENT l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmija akkużati George Degiorgio u Alfred Degiorgio, u *Omissis* u illi huma jiġu kkundannati kull wieħed għall-**piena ta' priġunerija għal għomru flimkien mal-piena tar-reklużjoni għal mhux aktar minn tnax (12)-il perjodu**, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 23, 23Ċ, 31, 49, 50, 211(1), 211(2), 467(2), u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. IX tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmija akkużati.

**IT-TIENI (2) KAP**
***Esplożjoni li kkaġunat il-mewt ta' persuna***

**<u>Il-fatti</u> :**

ILLI fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija fl-Ewwel (1) Kap ta' l-Att ta' Akkuża, l-akkużati **Alfred Degiorgio, George Degiorgio**, u **Omissis**, iddeċidew li joqtlu lil Daphne Caruana Galizia permezz ta' bomba. Għalhekk, fost affarijiet oħra (nkluż *mobile phones* u *SIM Cards*) huma akkwistaw bomba sabiex iwettqu l-pjan infami tagħhom;

ILLI fil-lejl bejn il-15 u s-16 ta' Ottubru 2017 fid-dlamijiet u s-satra li joffri l-ambjent rurali tal-Bidnija, l-akkużati **Alfred Degiorgio, George Degiorgio**, u **Omissis**, avviċinaw il-vettura *Peugeot* mudell *108* bin-numru ta' reġistrazzjoni QQZ-668, liema vettura kienet tintuża prinċipalment mis-Sinjura Caruana Galizia, fetħuha, u taħt is-*seat* tax-xufier poġġew bomba qawwija ħafna armata mhux biss bi splussiv *high explosive* iżda wkoll b'*GSM Module* biex il-bomba tkun tista' tiġi sploduta remotement permezz ta' telefon ċellulari;

ILLI ftit qabel it-tlieta ta' wara Nofsinhar tas-16 ta' Ottubru 2017, Daphne Caruana Galizia, injota għal kollox mill-pjan tal-waħx imfassal u mifrux għaliha mill-akkużati, Alfred Degiorgio, George Degiorgio, u Omissis, sellmet lil binha, ħarġet mir-residenza tagħha, rikbet fil-vettura msemmija, u bdiet issuq biex tmur għal appuntament li kellha l-bank. Iżda ma marritx 'l bogħod wisq, għaliex skond kif kienu miftehemin l-akkużati minn qabel u kif ġie spjegat dettaljatament fl-Ewwel (1) Kap, malli raha ħierġa mid-dar u dieħla fil-vettura, l-akkużat Alfred Degiorgio, kif miftiehem mal-ko-akkużati l-oħra, ċempel lil ħuh l-akkużat George Degiorgio li minn naħa tiegħu bl-intenzjoni ċara u speċifika kondiviża u miftehema mal-ko-akkużati l-oħra li jikkawżaw esplożjoni (biex joqtlu lil Daphne Caruana Galizia) attiva l-bomba remotement permezz ta' kodiċi mibgħut bl-*SMS.* Malli l-*GSM Module* formanti parti mill-bomba sitwata taħt is-*seat* tax-xufier tal-vettura tas-Sinjura Caruana Galizia rċieva dan il-kodiċi, preċiżament fit-tlieta neqsin minuta u ħames sekondi ta' wara Nofsinhar (14:58:55) tas-16 ta' Ottubru 2017, dan il-*module* iddetona l-bomba u seħħet esplożjoni kbira, liema esplożjoni kienet tant vjolenti li kkaġunat il-mewt tas-Sinjura Caruana Galizia, b'partijiet minn ġisimha jtiru 'l barra mill-karozza u partijiet oħrajn jispiċċaw maħruqa fil-karozza wara li l-istess karozza spiċċat qafas ta' ħadid mgħawweġ u ħuġġieġa nar f'għalqa biswit it-triq;

ILLI minn analiżi akkuratissima kondotta mill-esperti tal-*EUROPOL* nominati mill-Maġistrat Inkwerenti, ġie stabbilit illi l-bomba kienet tikkontjeni sustanza

esplożiva, u ċioe' bejn tliet mitt gramma (300g) u erba' mitt gramma (400g) ta' *high explosive* tat-tip TNT.

ILLI b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, fosthom waħda tat-18 ta' Ġunju 2008, *per* Maġistrat (illum Imħallef *Emeritus*) Dr. Michael Mallia, u oħra tat-3 ta' Frar 2012, *per* Maġistrat (illum Imħallef) Dr. Miriam Hayman LL.D., liema sentenzi huma definittivi, l-akkużat George Degiorgio kien instab ħati, *inter alia*, ta' diversi delitti, u kwindi huwa għalhekk reċidiv;

ILLI b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-13 ta' Novembru 2013, *per* Imħallef *Emeritus* Dr. Michael Mallia LL.D., liema sentenza hija waħda definittiva, l-akkużat Alfred Degiorgio kien instab ħati ta' diversi delitti, u kwindi huwa għalhekk wkoll reċidiv;

ILLI b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-3 ta' Mejju 2006, *per* Maġistrat (illum Imħallef *Emeritus*) Dr. Antonio Mizzi LL.D., liema sentenza hija waħda definittiva, l-akkużat *Omissis* kien instab ħati ta' diversi delitti, u kwindi huwa għalhekk wkoll reċidiv.

**Il-konsegwenzi :**

ILLI għalhekk, b'għemilhom, l-akkużati George Degiorgio, Alfred Degiorgio, u *Omissis* saru ħatja talli nhar is-Sittax (16) ta' Ottubru tas-sena Elfejn u Sbatax (2017), f'dawn il-gżejjer u senjatament fil-Bidnija, limiti tal-Mosta, għall-ħabta tat-tlieta ta' wara Nofsinhar (15:00hrs), **dolożament, b'sustanza esplożiva, għamlu esplożjoni li setgħet tqiegħed f'perikolu l-ħajja ta' ħaddieħor jew tagħmel ħsara gravi lil ħwejjeġ ħaddieħor, b'dana illi effettivament persuna (is-Sinjura Daphne Caruana Galizia) tilfet ħajjitha**.

**L-akkuża :**

GĦALDAQSTANT l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, akkuża lill-imsemmija George Degiorgio, Alfred Degiorgio, u *Omissis* ħatja talli nhar is-Sittax (16) ta' Ottubru tas-sena Elfejn u Sbatax (2017), f'dawn il-gżejjer u senjatament fil-Bidnija, limiti tal-Mosta, għall-ħabta tat-tlieta ta' wara Nofsinhar (15:00hrs), **dolożament, b'sustanza esplożiva, għamlu esplożjoni li setgħet tqiegħed f'perikolu l-ħajja ta' ħaddieħor jew tagħmel ħsara gravi lil ħwejjeġ ħaddieħor, b'dana illi effettivament persuna (is-Sinjura Daphne Caruana Galizia) tilfet ħajjitha**.

U BILLI permezz ta' diversi sentenzi tal-Qrati Maltin, li saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula, l-akkużati George Degiorgio, Alfred Degiorgio, u

*Omissis* kienu nstabu ħatja preċedentement ta' diversi delitti, l-Avukat Ġenerali qiegħed jaddebita lill-istess akkużati bir-reċidiva.

**<u>Il-piena mitluba</u>** **:**

KONSEGWENTEMENT l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmija akkużati George Degiorgio, Alfred Degiorgio, u *Omissis* u illi huma jiġu kkundannati kull wieħed għall-**piena ta' priġunerija għal għomru flimkien mal-piena tar-reklużjoni għal mhux aktar minn tnax (12)-il perjodu**, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 23, 23Ċ, 31, 49, 50, 311, 312(1), 467(2), u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. IX tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmija akkużati.

**IT-TIELET (3) KAP**
***Pussess ta' esplożivi kontra l-liġi***

**<u>Il-fatti</u>** **:**

ILLI fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija fl-ewwel żewġ (2) Kapi ta' l-Att ta' Akkuża, l-akkużati George Degiorgio, Alfred Degiorgio, u *Omissis* iddeċidew li joqtlu lil Daphne Caruana Galizia permezz ta' bomba. Għalhekk, fost affarijiet oħra (nkluż *mobile phones* u *SIM Cards*) huma akkwistaw ukoll sustanza esplożiva sabiex iwettqu l-pjan infami tagħhom;

ILLI fil-lejl bejn il-15 u s-16 ta' Ottubru 2017 l-akkużati George Degiorgio, Alfred Degiorgio, u *Omissis* qabdu s-sustanza esplożiva li kienu akkwistaw illegalment minn qabel, liema sustanza kienet mgħammra b' *GSM Module* sabiex tkun tista' tiġi sploduta remotement permezz ta' *SMS* mibgħut minn telefon ċellulari, u poġġewha taħt is-*seat* tax-xufier tal-vettura *Peugeot* mudell *108* bin-numru ta' reġistrazzjoni QQZ-668, liema vettura kienet tintuża prinċipalment mis-Sinjura Caruana Galizia: ħsieb li ċertament ma kienx wieħed leċitu!;

ILLI fil-fatt, ftit qabel it-tlieta ta' wara Nofsinhar (15:00 hrs) tas-16 ta' Ottubru 2017 l-akkużati George Degiorgio, Alfred Degiorgio, u *Omissis* kkonfermaw il-ħsieb mhux leċitu tagħhom billi permezz tas-sustanza esplożiva msemmija kkawżaw esplożjoni kbira li, fost affarijiet oħra, kkaġunat il-mewt tas-Sinjura Caruana Galizia;

ILLI minn analiżi akkuratissima kondotta mill-esperti tal-*EUROPOL* nominati mill-Maġistrat Inkwerenti, ġie stabbilit illi s-sustanza esploživa msemmija kienet tikkonsisti f'bejn tliet mitt gramma (300g) u erba' mitt gramma (400g) ta' *high explosive* tat-tip TNT.

ILLI b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, fosthom waħda tat-18 ta' Ġunju 2008, *per* Maġistrat (illum Imħallef *Emeritus*) Dr. Michael Mallia, u oħra tat-3 ta' Frar 2012, *per* Maġistrat (illum Imħallef) Dr. Miriam Hayman LL.D., liema sentenzi huma definittivi, l-akkużat George Degiorgio kien instab ħati, *inter alia*, ta' diversi delitti, u kwindi huwa għalhekk reċidiv;

ILLI b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-13 ta' Novembru 2013, *per* Imħallef *Emeritus* Dr. Michael Mallia LL.D., liema sentenza hija waħda definittiva, l-akkużat Alfred Degiorgio kien instab ħati ta' diversi delitti, u kwindi huwa għalhekk wkoll reċidiv;

ILLI b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-3 ta' Mejju 2006, *per* Maġistrat (illum Imħallef *Emeritus*) Dr. Antonio Mizzi LL.D., liema sentenza hija waħda definittiva, l-akkużat *Omissis* kien instab ħati ta' diversi delitti, u kwindi huwa għalhekk wkoll reċidiv.

**Il-konsegwenzi** :

ILLI għalhekk, b'għemilhom, l-akkużati George Degiorgio, Alfred Degiorgio, u *Omissis* saru ħatja talli nhar is-Sittax (16) ta' Ottubru tas-sena Elfejn u Sbatax (2017), u fil-ġranet, ġimgħat, u xhur ta' qabel, f'dawn il-gżejjer, inkluż fil-Bidnija, limiti tal-Mosta, **għamlu jew xjentement żammew jew kellhom għandhom jew taħt il-kontroll tagħhom xi sustanza esploživa, taħt dawk iċ-ċirkostanzi illi jagħtu għaliex wieħed għandu bir-raġun jaħseb illi huma għamluha, żammewha, jew kienet għandhom għal ħsieb mhux leċitu**.

**L-akkuża** :

GĦALDAQSTANT l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, akkuża lill-imsemmija George Degiorgio, Alfred Degiorgio, u *Omissis* ħatja talli nhar is-Sittax (16) ta' Ottubru tas-sena Elfejn u Sbatax (2017), u fil-ġranet, ġimgħat, u xhur ta' qabel, f'dawn il-gżejjer, **għamlu jew xjentement żammew jew kellhom għandhom jew taħt il-kontroll tagħhom xi sustanza esploživa, taħt dawk iċ-ċirkostanzi illi jagħtu għaliex wieħed għandu bir-raġun jaħseb illi huma għamluha, żammewha, jew kienet għandhom għal ħsieb mhux leċitu**.

U BILLI permezz ta' diversi sentenzi tal-Qrati Maltin, li saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula, l-akkużati George Degiorgio, Alfred Degiorgio, u *Omissis* kienu nstabu ħatja preċedentement ta' diversi delitti, l-Avukat Ġenerali qiegħed jaddebita lill-istess akkużati bir-reċidiva.

**<u>Il-piena mitluba</u> :**

KONSEGWENTEMENT l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmija akkużati George Degiorgio, Alfred Degiorgio, u *Omissis* u illi huma jiġu kkundannati kull wieħed għall-**piena ta' priġunerija għal żmien ta' minn tmintax (18)-il xahar sa tnax (12)-il sena** skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 23, 23Ċ, 31, 49, 50, 313, 314, 467(2), u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. IX tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmija akkużati.

**IR-Raba' (4) KAP**
***Assoċjazzjoni ma' persuna jew persuni bil-għan li jagħmlu delitt***

**<u>Il-fatti</u> :**

ILLI fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija fl-ewwel tliet (3) Kapi ta' l-Att ta' Akkuża, l-akkużati George Degiorgio, Alfred Degiorgio, u *Omissis* assoċjaw ruħhom kemm flimkien kif ukoll ma' terzi persuni sa issa mhux magħrufa sabiex joqtlu lis-Sinjura Daphne Caruana Galizia. Huma mhux biss kisbu illegalment bomba qawwija bil-għan li permezz tagħha jeżegwixxu d-delitt in kwistjoni, iżda wkoll ftehemu u pjanaw bir-reqqa s-sura ta' kull azzjoni li kellha tittieħed minnhom;

ILLI fil-fatt, u kif spjegat dettaljatament fl-Ewwel (1) Kap, l-akkużati George Degiorgio, Alfred Degiorgio, u *Omissis* kienu ilhom jippjanaw u jħejju bir-reqqa dan l-omiċidju minn *xhur* qabel is-16 ta' Ottubru 2017. Fil-fatt huma ħasbu sabiex jakkwistaw il-bomba msemmija, *mobile phones* differenti minn dawk li kienu jużaw abitwalment, u numru ta' *sim cards.* Jirriżulta illi sa minn Awwissu 2017, l-akkużati bdew iħufu regolarment fl-inħawi tal-Bidnija, mhux lanqas fis-siegħat mudlama tal-lejl, sabiex jiflu u josservaw kemm l-akkwati tar-residenza kif ukoll il-movimenti tas-Sinjura Caruana Galizia;

ILLI *di piu'* l-akkużati George Degiorgio, Alfred Degiorgio, u *Omissis* ftehemu u qablu wkoll dwar il-metodu preċiż li bih kellha tinqatel is-Sinjura Caruana Galizia, senjatament b'bomba li kellha titpoġġa taħt is-*seat* tax-xufier tal-vettura

li kienet tagħmel użu minnha, liema bomba kellha tiġi sploduta remotement permezz ta' *SMS*. L-akkużati qablu u ftehemu wkoll dwar ir-rwoli li kull wieħed minnhom kellu jassumi: min josserva fil-ġranet ta' qabel id-delitt, min josserva dakinhar tad-delitt, min jattiva l-bomba, u dana kif spjegat dettaljatament fl-Ewwel (1) Kap;

ILLI d-delitt miftiehem u pjanat bejn l-akkużati George Degiorgio, Alfred Degiorgio, u *Omissis* effettivament ġie eżegwit f'Malta ftit qabel it-tlieta ta' wara Nofsinhar (15:00 hrs) tas-16 ta' Ottubru 2017;

ILLI d-delitt li għalih seħħet l-assoċjazzjoni mertu ta' dan il-Kap, u ċioe' l-omiċidju volontarju tas-Sinjura Daphne Caruana Galizia huwa delitt li għalih hemm il-piena ta' priġunerija;

ILLI b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, fosthom waħda tat-18 ta' Ġunju 2008, *per* Maġistrat (illum Imħallef *Emeritus*) Dr. Michael Mallia, u oħra tat-3 ta' Frar 2012, *per* Maġistrat (illum Imħallef) Dr. Miriam Hayman LL.D., liema sentenzi huma definittivi, l-akkużat George Degiorgio kien instab ħati, *inter alia*, ta' diversi delitti, u kwindi huwa għalhekk reċidiv;

ILLI b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-13 ta' Novembru 2013, *per* Imħallef *Emeritus* Dr. Michael Mallia LL.D., liema sentenza hija waħda definittiva, l-akkużat Alfred Degiorgio kien instab ħati ta' diversi delitti, u kwindi huwa għalhekk wkoll reċidiv;

ILLI b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-3 ta' Mejju 2006, *per* Maġistrat (illum Imħallef *Emeritus*) Dr. Antonio Mizzi LL.D., liema sentenza hija waħda definittiva, l-akkużat *Omissis* kien instab ħati ta' diversi delitti, u kwindi huwa għalhekk wkoll reċidiv.

**<u>Il-konsegwenzi</u> :**

ILLI għalhekk, b'għemilhom, l-akkużati George Degiorgio, Alfred Degiorgio, u *Omissis* saru ħatja talli nhar is-Sittax (16) ta' Ottubru tas-sena Elfejn u Sbatax (2017), u fil-ġranet, ġimgħat, u xhur ta' qabel, **<u>f'Malta assoċjaw ruħhom ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-għan li jagħmlu delitt f'Malta li għalih hemm il-piena ta' priġunerija</u>** (u ċioe' l-omiċidju volontarju tas-Sinjura Daphne Caruana Galizia).

**<u>L-akkuża</u> :**

GĦALDAQSTANT l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, akkuża lill-imsemmija George Degiorgio, Alfred Degiorgio, u *Omissis* ħatja talli nhar is-Sittax (16) ta' Ottubru tas-sena Elfejn u Sbatax (2017), u fil-ġranet, ġimgħat, u xhur ta' qabel, **f'Malta assoċjaw ruħhom ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-għan li jagħmlu delitt f'Malta li għalih hemm il-piena ta' priġunerija**;

U BILLI permezz ta' diversi sentenzi tal-Qrati Maltin, li saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula, l-akkużati George Degiorgio, Alfred Degiorgio, u *Omissis* kienu nstabu ħatja preċedentement ta' diversi delitti, l-Avukat Ġenerali qiegħed jaddebita lill-istess akkużati bir-reċidiva.

**Il-piena mitluba** :

KONSEGWENTEMENT l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmija akkużati George Degiorgio, Alfred Degiorgio, u *Omissis* u illi huma jiġu kkundannati kull wieħed għall-**piena ta' priġunerija għal żmien minn għoxrin (20) sena sa erbgħin (40) sena** skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 23, 23Ċ, 31, 49, 50, 48A(1), 48A(2), 48A(3), 48A(4), u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. IX tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmija akkużati.

**IL-Ħames (5) KAP**
***Promozzjoni eċċ. ta' għaqda ta' żewġ persuni jew aktar bil-ħsieb li jagħmlu reati kriminali***

**Il-fatti** :

ILLI fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija fl-ewwel erbgħa (4) Kapi ta' l-Att ta' Akkuża, l-akkużati George Degiorgio, Alfred Degiorgio, u *Omissis* ma aġixxewx kull wieħed għal rasu fil-kommissjoni ta' l-omiċidju tas-Sinjura Caruana Galizia, anzi assoċjaw ruħhom kemm flimkien kif ukoll ma' terzi persuni sa issa mhux magħrufa sabiex iwettqu dan ir-reat. Huma mhux biss kisbu illegalment bomba qawwija u ħasbu għal *mobile phones* u *SIM cards* bil-għan li jeżegwixxu d-delitt in kwistjoni, iżda qabel xejn ġew flimkien it-tlieta (3) li huma bil-għan li jfasslu, jippreparaw, u jwettqu d-delitt in kwistjoni;

ILLI fil-fatt, u kif spjegat dettaljatament fl-Ewwel (1) Kap, l-akkużati George Degiorgio, Alfred Degiorgio, u *Omissis* ingħaqdu flimkien u bdew jippjanaw u jħejju bir-reqqa dan l-omiċidju minn *xhur* qabel is-16 ta' Ottubru 2017. Kif intqal aktar 'l fuq, huma akkwistaw bomba, *mobile phones, SIM Cards,* eċċetera u flimkien ftehemu, fasslu, u ppjanaw il-metodu preċiż li bih kellha tinqatel is-Sinjura Caruana Galizia

ILLI d-delitt miftiehem u ppjanat minn din l-għaqda ta' persuni komposta mill-akkużati George Degiorgio, Alfred Degiorgio, u *Omissis***,** u possibbilment terzi persuni li sa llum għadhom mhux magħrufa, effettivament ġie eżegwit f'Malta (fil-Bidnija, limiti tal-Mosta) ftit qabel it-tlieta ta' wara Nofsinhar (15:00 hrs) tas-16 ta' Ottubru 2017;

ILLI d-delitt li għalih ġiet ikkostitwita u organizzata l-għaqda mertu ta' dan il-Kap, u ċioe' l-omiċidju volontarju tas-Sinjura Daphne Caruana Galizia huwa reat kriminali li għalih hemm il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' aktar minn erba' (4) snin;

ILLI b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, fosthom waħda tat-18 ta' Ġunju 2008, *per* Maġistrat (illum Imħallef *Emeritus*) Dr. Michael Mallia, u oħra tat-3 ta' Frar 2012, *per* Maġistrat (illum Imħallef) Dr. Miriam Hayman LL.D., liema sentenzi huma definittivi, l-akkużat George Degiorgio kien instab ħati, *inter alia*, ta' diversi delitti, u kwindi huwa għalhekk reċidiv;

ILLI b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-13 ta' Novembru 2013, *per* Imħallef *Emeritus* Dr. Michael Mallia LL.D., liema sentenza hija waħda definittiva, l-akkużat Alfred Degiorgio kien instab ħati ta' diversi delitti, u kwindi huwa għalhekk wkoll reċidiv;

ILLI b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-3 ta' Mejju 2006, *per* Maġistrat (illum Imħallef *Emeritus*) Dr. Antonio Mizzi LL.D., liema sentenza hija waħda definittiva, l-akkużat *Omissis* kien instab ħati ta' diversi delitti, u kwindi huwa għalhekk wkoll reċidiv.

**Il-konsegwenzi :**

ILLI għalhekk, b'għemilhom, l-akkużati George Degiorgio, Alfred Degiorgio, u *Omissis* saru ħatja talli nhar is-Sittax (16) ta' Ottubru tas-sena Elfejn u Sbatax (2017), u fil-ġranet, ġimgħat, u xhur ta' qabel, **ippromwovew, ikkostitwixxew, organizzaw, jew iffinanzjaw għaqda bil-ħsieb li jitwettqu reati kriminali soġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien erba' snin jew aktar** (fosthom l-omiċidju volontarju tas-Sinjura Daphne Caruana Galizia).

**<u>L-akkuża</u> :**

GĦALDAQSTANT l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, akkuża lill-imsemmija George Degiorgio, Alfred Degiorgio, u *Omissis* ħatja talli nhar is-Sittax (16) ta' Ottubru tas-sena Elfejn u Sbatax (2017), u fil-ġranet, ġimgħat, u xhur ta' qabel **<u>ippromwovew, ikkostitwixxew, organizzaw, jew iffinanzjaw għaqda bil-ħsieb li jitwettqu reati kriminali soġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien erba' snin jew aktar.</u>**

U BILLI permezz ta' diversi sentenzi tal-Qrati Maltin, li saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula, l-akkużati George Degiorgio, Alfred Degiorgio, u *Omissis* kienu nstabu ħatja preċedentement ta' diversi delitti, l-Avukat Ġenerali qiegħed jaddebita lill-istess akkużati bir-reċidiva.

**<u>Il-piena mitluba</u> :**

KONSEGWENTEMENT l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmija akkużati George Degiorgio, Alfred Degiorgio, u *Omissis* u illi huma jiġu kkundannati kull wieħed għall-**piena ta' priġunerija għal żmien minn erbgħa (4) snin sa tnax (12)-il sena** skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 23, 23Ċ, 31, 49, 50, 83A(1)(a), 83A(2), u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. IX tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmija akkużati.

**IS-Sitt (6) u l-AĦĦAR KAP**
***Parteċipazzjoni attiva f'għaqda ta' żewġ persuni jew aktar bil-ħsieb li jagħmlu reati kriminali***

**<u>Il-fatti</u> :**

ILLI fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija fl-ewwel ħames (5) Kapi ta' l-Att ta' Akkuża, l-akkużati George Degiorgio, Alfred Degiorgio, u *Omissis* ma aġixxewx kull wieħed għal rasu fil-kommissjoni ta' l-omiċidju tas-Sinjura Caruana Galizia, anzi assoċjaw ruħhom kemm flimkien kif ukoll ma' terzi persuni sa issa mhux magħrufa sabiex iwettqu dan ir-reat. Huma lkoll ipparteċipaw b'mod attiv fl-għaqda li ħolqu, ikkostitwixxew, u organizzaw bejniethom mhux biss fit-tfassil u l-preparamenti tad-delitt, iżda wkoll fl-eżekuzzjoni ta' l-istess. Huma pprokuraw illegalment bomba qawwija, ħasbu għal *mobile phones* u *SIM cards,* bdew josservaw ir-residenza u l-movimenti tas-

Sinjura Caruana Galizia minn *xhur* qabel, u fis-16 ta' Ottubru 2017 ikkoordinaw metikolożament bejniethom sabiex ftit qabel it-tlieta ta' wara Nofsinhar (15:00 hrs) huma qatlu lis-Sinjura Daphne Caruana Galizia;

ILLI kull wieħed mit-tliet akkużati George Degiorgio, Alfred Degiorgio, u *Omissis* kienu jafu ben tajjeb dwar l-għan jew l-attivita' kriminuża ta' l-għaqda li ħolqu huma stess - u dana proprju il-għaliex kienu huma stess li ħolqu din l-għaqda b'dan l-għan speċifiku, kif ukoll il-għaliex ilkoll ipparteċipaw b'mod attiv fiha bil-għan aħħari li jwettqu delitt, senjatament l-omiċidju tas-Sinjura Daphne Caruana Galizia;

ILLI d-delitt kommess mill-għaqda kriminuża msemmija - komposta mill-akkużati George Degiorgio, Alfred Degiorgio, u *Omissis*, (u possibbilment ukoll minn terzi persuni sa issa mhux magħrufa) u li fiha t-tliet akkużati ħadu sehem attiv – u ċioe' l-omiċidju volontarju tas-Sinjura Daphne Caruana Galizia huwa reat kriminali li għalih hemm il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' aktar minn erba' (4) snin;

ILLI b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, fosthom waħda tat-18 ta' Ġunju 2008, *per* Maġistrat (illum Imħallef *Emeritus*) Dr. Michael Mallia, u oħra tat-3 ta' Frar 2012, *per* Maġistrat (illum Imħallef) Dr. Miriam Hayman LL.D., liema sentenzi huma definittivi, l-akkużat George Degiorgio kien instab ħati, *inter alia*, ta' diversi delitti, u kwindi huwa għalhekk reċidiv;

ILLI b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-13 ta' Novembru 2013, *per* Imħallef *Emeritus* Dr. Michael Mallia LL.D., liema sentenza hija waħda definittiva, l-akkużat Alfred Degiorgio kien instab ħati ta' diversi delitti, u kwindi huwa għalhekk wkoll reċidiv;

ILLI b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-3 ta' Mejju 2006, *per* Maġistrat (illum Imħallef *Emeritus*) Dr. Antonio Mizzi LL.D., liema sentenza hija waħda definittiva, l-akkużat *Omissis* kien instab ħati ta' diversi delitti, u kwindi huwa għalhekk wkoll reċidiv.

**<u>Il-konsegwenzi</u> :**

ILLI għalhekk, b'għemilhom, l-akkużati George Degiorgio, Alfred Degiorgio, u *Omissis* saru ħatja talli nhar is-Sittax (16) ta' Ottubru tas-sena Elfejn u Sbatax (2017), u fil-ġranet, ġimgħat, u xhur ta' qabel, **<u>waqt li kienu jafu jew kellhom kawża raġonevoli li jissusspettaw dwar l-għan jew l-attivita' b'mod ġenerali ta' għaqda stabbilita bil-ħsieb li jitwettqu reati kriminali soġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien erba' snin jew aktar</u>** (fosthom l-omiċidju volontarju tas-Sinjura Daphne Caruana Galizia), **<u>ipparteċipaw b'mod attiv fl-attivitajiet kriminali tal-għaqda, inklużi iżda mhux limitati għall-għoti ta' informazzjoni jew ta' mezzi materjali jew ir-reklutaġġ ta' membri ġodda.</u>**

**L-akkuża** :

GĦALDAQSTANT l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, akkuża lill-imsemmija George Degiorgio, Alfred Degiorgio, u *Omissis* ħatja talli nhar is-Sittax (16) ta' Ottubru tas-sena Elfejn u Sbatax (2017), u fil-ġranet, ġimgħat, u xhur ta' qabel **waqt li kienu jafu jew kellhom kawża raġonevoli li jissusspettaw dwar l-għan jew l-attivita' b'mod ġenerali ta' għaqda stabbilita bil-ħsieb li jitwettqu reati kriminali soġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien erba' snin jew aktar, ipparteċipaw b'mod attiv fl-attivitajiet kriminali tal-għaqda, inklużi iżda mhux limitati għall-għoti ta' informazzjoni jew ta' mezzi materjali jew ir-reklutaġġ ta' membri ġodda.**

U BILLI permezz ta' diversi sentenzi tal-Qrati Maltin, li saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula, l-akkużati George Degiorgio, Alfred Degiorgio, u *Omissis* kienu nstabu ħatja preċedentement ta' diversi delitti, l-Avukat Ġenerali qiegħed jaddebita lill-istess akkużati bir-reċidiva.

**Il-piena mitluba** :

KONSEGWENTEMENT l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmija akkużati George Degiorgio, Alfred Degiorgio, u *Omissis* u illi huma jiġu kkundannati kull wieħed għall-**piena ta' priġunerija għal żmien minn erbgħa (4) snin sa tnax (12)-il sena** skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 23, 23Ċ, 31, 49, 50, 83A(1)(a), 83A(1)(b), 83A(2), u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. IX tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmija akkużati.

Rat l-atti kollha proċesswali, kif ukoll l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat illi waqt is-seduta tal-lum, l-akkużati, Alfred Degiorgio u George Degiorgio, mistoqsija jekk humiex ħatja skond l-Att tal-Akkuża, wieġbu billi stqarru illi huma ħatja tal-akkużi kollha lilhom addebitati fl-Att ta'l-Akkuża surriferita.

Rat ir-rikors konġunt tal-Avukat Ġenerali u l-akkużati Alfred Degiorgio u George Degiorgio, li l-parte ċivile aderixxiet ruħha miegħu, fejn filwaqt li ddikjaraw li kienu qed jaqblu fit-termini tal-artikolu 453A(1) tal-Kodiċi Kriminali, umilment talbu lil din l-Qorti li, in vista ta'l-ammissjoni reġistrata mill-akkużati Alfred Degiorgio u George

Degiorgio, għall-akkużi miġjuba kontrihom, il-piena li għandha tiġi nflitta fuqhom minn din l-istess Qorti għandha tkun waħda ta' priġunerija effettiva għall-perjodu ta' erbgħin sena (40) flimkien mal-ispejjez peritali nkorsi f'dawn il-proċeduri u kwalsiasi sanzjoni u/jew konsegwenza oħra konsegwenzjali għad-dikjarazzjoni u sejbien ta' ħtija ai termini tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta, fosthom il-konfiska tassattiva favur il-Gvern ta' Malta tar-rikavat li ġie mir-reati, ai termini ta'l-artikolu 23B ta'l-istess Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkużati b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-tweġiba, rat anke bl-assistenza tal-esperti minnha nominati Dr. Mario Scerri u il-psikjatra Dr. Beppe Micallef Trigona illi huma kienu qed jifhmu l-import tal-amissjoni tagħhom, u wara li tathom ftit taż-żmien biex jerġgħu lura minnha, kif obbligata li tagħmel skond l-artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-akkużati baqgħu jtennu t-tweġiba tagħhom.

Għaldaqstant il-Qorti tiddikjara lil Alfred Degiorgio u George Degiorgio ħatja u reċidivi talli fis-16 ta' Ottubru 2017 f'dawn il-Gzejjer u senjatament fil-Bidnija, limiti tal-Mosta, għal ħabta tat-tlieta ta' wara nofs in-nhar (15:00hrs):

1. Dolożament, bil-ħsieb li joqtlu lil Daphne Caruana Galizia jew li jqiegħdu l-ħajja tagħha f'periklu ċar, ikkaġunawlha l-mewt;
2. Talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi dolożament b'sustanza esplosiva, għamlu esplużjoni li setgħet tqiegħed f'perikolu l-ħajja ta' ħaddiehor jew tagħmel ħsara lil ħwejjeg ħaddiehor, b'dana illi effettivament persuna (is-sinjura Daphne Caruana Galizia) tilfet ħajjitha.
3. Talli nhar is-16 ta' Ottubru 2017 u fil-ġranet, ġimgħat u xhur ta' qabel, f'dawn il-gżejjer, għamlu jew xjentement żammew jew kellhom għandhom jew taħt il-kontroll tagħhom xi sustanza esplosiva, taħt dawk iċ-ċirkostanzi illi jagħtu għaliex wieħed għandu bir-raġun jaħseb illi huma għamluha, żammewha, jew kienet għandhom għal ħsieb mhux lecitu.

4. Talli nhar is-16 ta' Ottubru 2017 u fil-ġranet, ġimgħat u xhur ta' qabel, f'Malta assoċjaw rwieħhom ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-għan li jagħmlu delitt f'Malta li għalih hemm il-piena ta' priġunerija.
5. Talli nhar is-16 ta' Ottubru 2017, u fil-ġranet, ġimgħat u xhur ta' qabel ippromwovew, ikkostitwixxew, organiżżaw, jew iffinanzjaw għaqda bil-ħsieb li jitwettqu reati kriminali soġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien erba' snin jew aktar.
6. Talli nhar is-16 ta' Ottubru 2017 u fil-ġranet, ġimgħat u xhur ta' qabel waqt li kienu jafu jew kellhom kawża raġjonevoli li jissusspetta dwar l-għan jew l-attivita' b'mod ġenerali ta' għaqda stabbilita bil-ħsieb li jitwettqu reati kriminali soġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien erba' snin jew aktar, ipparteċipaw b'mod attiv fl-attivitajiet kriminali tal-għaqda, inkluz iżda mhux limitati għall-għoti ta' informazzjoni jew ta' meżżi materjali jew ir-reklutaġġ ta' membri ġodda.

Ikkunsidrat:

Illi għalkemm l-akkużati ammettew l-akkużi miġjuba fil-konfront tagħhom wara il-formazzjoni tal-ġuri, madanakollu dan sar fl-istadji inizjali ta' ċelebrazzjoni tal-istess u allura il-Qorti tqies illi huma għandhom xortawaħda jibbenefikaw mid-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 492(1) tal-Kodiċi Kriminali, iżda fil-massimu tiegħu, tenut kont tan-natura serja tar-reati lilhom addebitati.

Illi għalhekk għal dawn il-motivi u fid-dawl ta'l-ammissjoni reġistrata mill-akkużati l-Qorti tħoss li għandha taderixxi għat-talba konġuntiva magħmula mill-partijiet fir-rikors konġuntiv ippreżentat illum.

Għaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-artikoli 17(b)(h), 23, 23B, 23C, 31, 49, 50, 211(1), 211(2), 311, 312(1), 313, 314, 48A(1), 48A(2), 48A(3), 48A(4), 83A(1)(a)(b), 83A(2), u 533 tal-Kodiċi Kriminali tikkundanna lill-akkużati Alfred Degiorgio u George Degiorgio għal perijodu ta' erbgħin (40) sena priġunerija. Tikkundannahom inoltre għal ħlas ta'l-

ispejjez peritali lir-Reġistratur tal-Qorti fl-ammont ta' tnejn u erbghin elf, disa' mija u tletin ewro u tlieta u sebgħin centeżmu (€42,930.73), kull wieħed, liema spejjeż għandhom jitħallsu fi żmien tlett snin mil-lum u fin-nuqqas li jsir il-ħlas fit-terminu konċess, jiġu konvertiti f'priġunerija skont il-liġi.

Wara li rat l-artikolu 23B tal-Kodiċi Kriminali tordna il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tar-rikavat ġej mir-reat ammontanti għas-somma ta' ħamsin elf ewro kull wieħed.

Edwina Grima
Imhallef